# Id-Delitt

U IL MEUT TA

# PAULU IT-TORC

LI KATEL LIL

MARIA BALDACCHINO

FURFICETTA

FIT-23 TA' LULJU 1851

POESIA

TA

Gius. Sciberras

The New Art Press - Valletta.

Int li ghandec dal ctieb f'idech
nitolboc li takrah seu,
la thallix chelma tahrablec
fimtni hux, mela nibdeu.

Kabel xein nargia nitolboc
illi tiftah uidneich ftit,
biex il cas li sejjer takra
forsi ghad iservich gid.

Akrah mela bl'attenzioni
u hajjar lill min jakrah,
chif tispiccia minnhu erfghu
la tcunx iblah tiscartah.

Minn gio Susa darba uahda
Giuvni Torc iffaccia chien
Bin Mabruk, Hamet chien jismu
izda tghammed fi ftit zmien.

Meta dana nasal f'Malta
chien ix-xahar ta Jannar,
u ircieva il mghamudija
Nhar San Paul f'l'10 ta' Frar.

Chellu tmienia u ghoxrin sena
uisk fuk ruhu ucoll fil hin,
ma cullhatt dan chien jiftahar
li hu nisel il għanjin.

Chien jgheid li ghandu 'r-raba
bosta gionna, zijut, x'naf jen,
f'chelma uahda biex nifthemu
bil Maltin ried jghaddi iz-zmien.

Ma xi gralu fl'ahhar huti
uara hajja ta' hzanija,
ix-xitan nebbillu f'rasu
illi joktol lil Maria.

Din Marija chienet xbejba
tifla seu min Hal Tarxien,
izda Strada Federico
chienet tokghod f'dac iz-zmien.

Xi sold chella imfaddal seuua
Paulu chien ittenda b'dan,
taparsi uriha imhabbtu
chif mexxieh seuua ixxitan.

Din Mari il "Furficetta"
lill dan Paulu uisk habbitu,
ma jahasra xi zball ghamlet
l'euuel darba li chelmitu.

Ngheidu issa il fatt collu
seu chif chien irracuntat
chelma b'chelma geuua l'Korti
minn fomm stess l'iccondannat.

Fatt tal biza, fatt l'ichexcex
x'hin takrah tibka mibluh,
sgur it-tigri l'izied horox
dmuh ixerdu jech jifmuh.

Mela isimghu bl'attenzioni
chem dat-Torc uza chiefrija,
il vendetta li hu ghamel
f'dan il ktil minn ta Maria.

Darba uahda chief chien uahdu
hsieb gio rashu malair gieh,
li jisraka u joktola
imbghad jahrab minnufieh

Chif dal hsieb gio rasu uahhal
mar f'hanut biex jixtri mus,
jeu sicchina takta seuua
bla ma kghad jibza ghal flus.

Imma dan il hsieb falielu
ghalhecc mar ghand habib tighu,
fill pront jilmah haun siechina
serakielu u hada mighu.

L'ghada stess mar hdein Maria
chien Luliu tlieta u ghoxrin
gio bieb dara dan isiba
is-saghtein seu chien il hin.

Uara ftit li dam jitchellem
geuua dahlu imbghad it-tnein,
fejn katt pasret x'gei ghaliha
haun l'imseicna f'dac il hein?

X'hin ghalket il bieb ta barra
cliem ta mhabba mar jurija
telghu fuk u giaghla tghalak
t-tuieki u l'gallarija.

Hecc chif chienu daun uhudhom
hsiebu mar haun fil gid tahha,
dlonc bhal ors haun ifferocia
gietu f'gismu l'acbar sahha.

Fil mument is-salt jatiha
chif chienet biluiekfa hdejh,
bis-sicchina rama' itiha
bill forza collha ta ideih.

Haun l'imseicna remghat tghajjat
titlob hniena u l'aijut.
—Iscot! Kalla haun l'infami,
hi uiegbitu:—Seira immut.

Il girien semghuha tghajjat
gharfu ucoll il-lehen tahha,
xihud kalu:—Mhix uehida,
hemm in-nies geuua d-dar mahha!

Malli daun semghuha tghajjat
cullhatt baka bhal mismut,
x'uhud telku lejn il ghassa
biex jigiu jatu l'aijut.

Tigri giet il pulizia
mghaluk sabu cull imchien,
sabiex jifthu sellum giebu
ma ha[1]leux jghaddi zmien.

Haunhecc Strada Federico
fil mument bin-nies intliet
u ictar ma il hin jghaddi
bill folol iktar tizdied.

Malajr bdeu il bieb ihabbtu
sejhu anche lill Maria
meta imbghad hatt ma uiegibhom
telghu dritt mill gallaria.

Il Kattiel haunech scuncerta
bdic Maria mejta hdejh
haun hsieb gieh jehoda isfel
dlonc hafinha geuua ideih.

Hdein il bir dana caxcara
biex l'imfami fieh jitfahha,
u sabiex mill herza tghaddi
ghamel hsieb illi ikattaha.

Izda chif katgha dirghajha
nizlet comb ghal geuua il bir,
haun ha' r-ruh, u kal go kalbu
Issa isir li ghandu isir !

U chif chien f'dil confusioni
il bir ghalak minnufieh
ghejja cbira uakghet fuku
mar fit-tarag biex jistrieh.

Intant haun il pulizia
hecc chif fetbu dahlu f'camra
ma chif stagbu meta lemhu
l'art bid-dmija collha hamra.

Is-surgent bedgha isejhilha
sabiex jara fejn hi katt,
chien inutli l'ghaijat tighu
il ghaliex ma uiegbu hatt.

Haun it-tarag kabad niezel
lill Paulu jilmah b'ghainejh
mimli dmija ftarf it-tarag
u hecc kallu x'hin chien hejh.

Ferma hem, u ciedi l'armi,
u gheidli fiss fein hi Maria?
Tchellem u ghid i x'ghamilt biha
u ghax int mimli colloch dmija?

Chif inhasad u chif tueruer
x'fatta intela bil misthija,
minn ghalieh chieu jinsab uahdu
f'salt isib il pulizia.

Tchellem, kalla is-surgent raga
ma Paulu ma uiegeb xein.
fl'ahhar kallu: in-nies katluha
u hallieh daun il chelmtein.

Bdeu imbaghad jehduh bil-hleuua
sabiex jghid chif chien il-fatt,
izda Paulu bakgha mutu
ghax ma ried jitchellem katt.

Is-surgent haunhecc telghulu
u bhal uiehed iddisprat,
ordna l-shabu sabiex Paulu
jigi fis immanettiat.

Li spettur chif tfaccia fukhom
staksa hux makbud il,hati
Iva uiegbu is-surgent hauna,
gia b'ideih immanettiati.

Haun imbaghad compleu ificciu
mac-carcir tad-demm imxeu
miexia bakghu deijem mieghu
sal-herza tal-bir seu seu.

Nehheu l'ghatu fieh ittaulu
fil mument rau lill Maria
Oh cnif tchexcxu meta lemhu
dana l'att minn ta chefrija.

Haunhecc ragel offra ruhu
biex jinzel fil-bir u jgiba,
ma chif tueruer malli messha
bla dirghain diement isibha.

Ghamlu mod imbaghad tellugha
tau ghainuna ucoll x'ohrain,
collha dbiccmu infexxeu jibchu
meta rauha bla dirghain.

Meta imbaghad telghu dirghaiha
lahku t-tobba fil-mument,
haun lill Paulu reskuh fejnha
halli isofri ftit turment.

Uara dan fəcceu fi buietu
bosta deheb sabulu fihom
stakseuh haun min fein chien giebu
risposta ma riedx jatihom.

Haun it-robba bdeu l'esami
u chif bakghu mistghagbin
meta ghaddeu seu il-feriti
sabu uiehed u ghoxrin.

Marbut shieh harguh il-barra
haduh dritt il Christania
B'roghda fuku collu imbezzgha
nies tiffolla kattania.

B'vuci uahda cullhatt jghajjat
"ja biccia ta Torc mishut,
ghad-delitt chiefer minn tieghec
int imghallak ghandek tmut.

Fost l'ghajjat dahlu bieh geuua
fein hem baka arrestat,
ta cull jum iresskuh chienu
ghal kuddiem il-Magistrat.

Uara ezami l'izied stretta
ghal giuri ir-rimetteuh,
mill-gdid regghu nizzluh isfel
fein emmech makful halleuh.

Nghidu issa chelma b'chelma
X'ghadda minnu fl'istess hin,
u s-sentenza tal-meut tieghu
li chien ha dan mill-giurin.

Dakku d disgha ta' filghodu
is-sala bin-nies intliet
cullhatt f'postu kaghad bil-keghda
fil-mument uaka cbir schiet.

Lill Paulu keghduh bil-uiekfa
bhal kattiel minn ta' Maria
baka dana isostni deijem
illi hua minghair htija.

Sospis gie haunhecc il-giuri,
isfel regghu nizluh dritt,
sadattant kaghdu ilestu
seu l-affari tad-delitt.

Chien ix-xahar minn ta' Auuissu
il-jum seu sebgha u ghoxrin
meta il Paulu regghu resku
biex jitcompla l-giurin.

Il-giurati geu imseiha
lilhom gie mokri l-fatt
fatt li jchexchex u li ibazza
fatt li jrieghed il cullhatt.

Haun ix-xhieda illi seihu
collha skarru li chien htija
safrattant il-giuri bakgha
sejjer dam sa filghaxija.

X'roghda kabdet haunhecc f'Paulu
meta hargiu il-giurati,
u chif dbicchem chif kalulu
illi hu biss chien il-hati.

Is-sentenza giet moghtija
illi mghallak ghandu jmut
uara ftit nizlu bieh isfel
minn ideih dan gie marbut.

Dam xi granet sa giet l'ordni
makful tajjeb geuua cella
chien is-Sibt meta habbrulu
sabiex jidhol in Cappella.

Haunhecc ghaxua tatu cbira
ghaxi mar uaranijiet
collu imbicchi b'kalb soghbiena
sejjah hdeih lill-patrijiet.

B'giria uahda feinu resku
bdeu bi cliemhom isabbruh
u tant daun messeulu kalbu
illi jkerr malair giaghluh.

Ghamel krara generali
sabbru ucoll il-patri b'fommu
mahfra talab imbaghad l'Alla
hniena ucoll l'ghaziza Ommu

Sebah l'euuel ta' Settembru
in-nies giet minn cullimchien
biex jarau lill Paulu imnehhi
minghair l-ebda telf ta' zmien.

It-torok bin-nies mimlija
u tiffolla fuk xulxin
il Furiana fein il-forca
chienet fgata f'dac il-hin.

Min ifisser x'hass haun Paulu
xhin ra l-bojja riesak leih,
meta hass il-habel f'ghonku
u marbuta geu ideih?

Rasseniat bakgha sa l'ahhar
jitma f'Alla il hanin
il Fratelli tfacciau hauna
sabiex bieh jibkghu sejrin.

Lein il forca beda miexi
fein sejjahlu id-destin tighu
it-trieq collha jitlob dejjem
u bil forza imdaura mieghu.

Bill pass mexa it-triek kollha
xein ma deher li hua incuiet,
anzi beda jirripeti
talb ghaziz mal patrijiet.

Fein il forca flahhar uasal
tala tarag fil mument
meta sab ruhu fil gholi
fetah fommu u qal dichment.

—"Uasal huti tmiem ta hajti
isimghu x'ser ngheid jena
Zommu f'mohhcom dal cliem tighi
aharbu l'hbieb il hz'ena."

Titbedghux mis-Sagramenti
hobbu 'l Cnisia fl istess hin,
rispett gibu s-sacerdoti
sabiex tgheixu ilcoll henjin"

"Ahfru l-ahua l-htija tieghi
ghax tasseu jiena sbaljait
dnakt fil Cnisia bin-nies taghha
cont ta rnhi katt ma tait.

Hecc hu t-miem ta hajti uasal
ser inhallas il. hsarat
f'Malta ismi jibka dejjem
sgur jissemma mat-triekat.

Haun mal-patri l-att ta ndiema
beda jghid b'kalbu soghbiena
chif l'ingassa f'ghonku xehtu
mahfra talab bl'izied hniena.

Mill gdid talab ragia il poplu
sabiex dan jitlob ghalieh,
Curcifiss resqu kuddiemu
beda jbusu haun bis-shieh

L'ajjutant tal pulizia
sinjal ghamel fli stess hin
haun il boija kabes fuku
Paulu ghadda mal mejtin.

Chif il boija kabes fuku
Paulu it-Torc miet fil mument
Ruhu harget min go gismu
minghajr l'ebda moviment.

Hecc chienet il meut ta Paulu
bil forca chellu jintemm,
biex jithallas ta' ghamilhu
talli ciarcar bosta demm.

Haun bil mod in-nies bdiet tuarrab
cullhadd telak b'hemda cbira
zghazagh, xiuh cullhatt imbicci
specialment ta kalbhom zghira.

Azzapardi Paulu spicca
taht it-trab il-fdal ta gismu
dana jibka sgur tifkira
ma jintesa katt sgur ismu.

TMIEM